MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2008

Avviz Numru. 256/2005

**Raymond Scerri**

**Vs**

**Michael Debono Limited**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihalsu s-somma ta' erbat elef lira Maltin (LM4,000) rappresentanti danni sofferti mill-attur kwantu ghal '*loss of use*' tal-vettura Toyota Coaster Numru HMY – 180 minhabba nuqqas ta' konsenja u dewmien mhux gustifikat ta' *spare parts* mis-socjeta konvenuta kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

Bl-ispejjez bl-imghax u b'hekk is-socjeta konvenuta tibqa' ngunta 'n subizzjoni.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt w ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu, stante li l-kumpanija konvenuta, ma hiex responsabbli ghad-danni allegati mill-attur.
2. Illi fl-ewwel lok, l-*ispare parts* li jirreferi ghalihom l-attur, m’humiex *parts* essenzjali ghall-manteniment tal-vettura, izda huma *body parts* tal-vettura li normalment ma jigux mibdula, hlief jekk ikun hemm hsarat kagunati minn xi incident, kif fil-fatt gara fil-konfront tal-vettura tal-attur u dan minhabba imperizja, traskuragni jew nuqqas t’osservazzjoni ta’ regolamenti tat-traffiku minn naha tal-attur stess.
3. Illi ‘n oltre, minghajr pregudizju, l-*parts* in kwistjoni ma kienux *parts* li wiehed ragonevolment jippretendi li l-kumpanija konvenuta zzomm *stock* taghhom, peress illi l-vettura tal-attur hija vettura *custom made* u l-*parts* in kwistjoni kienu *parts* modifikati, maghmula appozitament ghall-vettura tal-istess attur.
4. Illi ‘n oltre, meta l-kumpanija konvenuta kienet offriet illi timmodifika *parts* li kellha fil-pussess taghha sabiex dawn ikunu jistghu jigu mwahhla mal-vettura tal-attur fi zmien qasir, l-istess attur m’accettax w ghazel li jordna l-istess *spare parts* minn barra w ghalhekk, l-kumpanija konvenuta ma tistax titqies responsabbli ghad-dewmien li ghazel jaccetta l-attur stess.
5. Illi minghajr pregudizzju, kwalunkwe dewmien li seta’ kien hemm fil-forniment ta’ l-*ispare parts* ordnati mill-attur, ma kienx kagunat minhabba xi nuqqas tal-kumpanija konvenuta.
6. Salv eccezzjonijiet ullterjuri skond il-kaz.

Illi nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Gunju 2006 xehed **Joseph Zammit** u stqarr illi xi gurnata tas-sena 2005 huwa kien gie nkarigat mill-attur sabiex jezamina l-vettura tieghu Toyota Coaster bin-numru ta’ registrazzjoni HMY 180, peress li l-attur kien qed jallega li kien hemm xi *parts* li kien gab minghand l-agent, li ma kienux il-*parts* ezatti ghall-vettura tieghu. Din il-vettura dak iz-zmien li ezaminha, kien qed isir xoghol intensiv fuqha ghax kienet involuta f’incident awtomobilistiku. Kien ezaminha fil-

garaxx fejn kien qed isir ix-xoghol tal-*panel beating* fil-Fgura u mar appuntu ghaliex l-istess *panel beater* ma setax jiffitja l-*parts* li kien ghadhom kif gew mixtrija minghand l-agent w ghalhekk huwa ndahal f'din il-kwistjoni. Bhala espert mekkaniku, huwa lesta rapport bil-miktub w rriserva li jesebih fi stadju ulterjuri f'dawn l-istess atti.

In kontr'ezami nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2008, ix-xhud ighid li gimgha wara li kien ipprezenta r-rapport fuq imsemmi, immarkat bhala Dok. S, huwa kien gie nkarigat sabiex jaghmel rapport iehor fuq il-bieba tal-van u jghid li meta ezaminha, sab li l-bieba ma kienitx taghha u li verament kellha parti miksi bil-*hard metal*. It-tieni rapport tieghu gie mmarkat bhala Dok. JZ (fol. 58). Qal li l-bieba raha imwahhla, izda mhux *sprayed*. Qal li x-xoghol kien wieqaf ghaliex il-bieba ma kienitx taqbel, ghalkemm ix-xoghol il-kbir kien lest. Mistoqsi ghaliex ir-rapport tieghu huwa bla data, jghid li ma jafx, izda zgur li sar gimgha wara l-ghoxrin (20) ta' Jannar 2005.

Fl-istess jum xehed **Raymond Scerri** l-attur fejn spjega li fis-sena 2001 huwa kien xtara minghand il-kumpanija konvenuta l-agenti tal-vetturi Toyota, il-vettura Toyota Coaster bin-numru ta' registrazzjoni HMY 180. Qabel id-dsatax (19) ta Ottubru 2005, huwa kien habat b'din l-istess vettura li kien xtara u l-vettura kellha bzonn reparazzjonijiet estensivi, fosthom sostituzzjoni ta' *body panels* li kellhom jigu ordnati godda minghand l-agent. Fid-dsatax (19) t'Ottubru 2004 kienu waslu l-*parts* tal-vettura tieghu, hadhom ghand il-*panel beater* biex jahdimlu fuq il-vettura, izda minnufih infurmah li l-*parts* li kien tah l-agent, ma kienux jaqblu mal-vettura tieghu. Dawn il-*parts* kienu jikkonsistu fil-faccata ta' quddiem tal-vettura, u l-bieba tal-genb, tan-naha tax-xellug, li ma kienux jaqblu. Jghid li hu mar lura ghand l-agent u qallu li l-*parts* li kien tah ma kienux tajbin, ghax ma kienux jaqblu mal-vettura tieghu.
L-agent hadlu l-*parts* u fil-hamsa (5) ta' Frar 2005 rega' gablu *parts* godda, izda dawn ukoll ma kienux ezatt bhal dawk il-*parts* li kien ordna u dan ghaliex il-bieba li kellha tigi mwahhla fuq in-naha tax-xellug, kellha toqba fiha biex

tiehu *wing mirror,* li huwa ma kellux bzonn. Huwa ghalhekk rega' ha l-*part* lura ghand l-agent u qallu li ma riedx il-bieba bit-toqba, izda minflok ma gabulu bieba ohra 'n sostituzzjoni taghha, ghalqulu t-toqba li kien hemm fil-*wing mirror* bil-*hard metal* u regghu tawh lura l-istess bieba. Lilu pero ma qalulux li kienu ghamlu hekk, u sar jaf b'dan meta il-*panel beater* kien qed jipprova jwahhal il-bieba w induna li kien hemm il-*hard metal*.

Huwa ghalhekk rega' avvicina l-agent u dan qallu li x-xoghol kien sar fil-fabbrika ta' barra u li l-bieba kienet waslet hekk f'dik l-istat. L-agent ippromettilu sabiex igiblu bieba ohra, izda sakemm xehed, ma kienu tawh xejn. Jghid ukoll li apparti din il-kwistjoni, kien ghadu qed jistenna xi *parts* ohra, bhas-*seat* tal-passiggier u xi parti mill-pedala tal-*accelerator*.

Minhabba dan in-nuqqas, jghid li ma setghax juza l-vettura tieghu u ma setghax jirrangha w ghalhekk kellu jikri vettura ohra ghal dak iz-zmien kollu li kellu bzonnha ghax-xoghol. Jispjega li huwa *mini bus driver* u l-vettura Toyota Coaster, li tkellem dwarha, hija effettivament *mini bus* li kien jahdem biha. Minghajr din il-*mini bus*, jghid ix-xhud, huwa ma kellux introjtu ghaliex ma setghax jahdem w ghalhekk kien kera *mini bus* u baqa' jahdem biha regolarment. Huwa talab li jigi kkumpensat ghal dak iz-zmien kollu li huwa kien bla bieba, ghaliex fil-fehma tieghu, minghajrha ma setghax jahdem.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Mejju 2007 **l-attur rega' xehed** u esebixxa dokument datat dsatax (19) t'Ottubru 2004 li gie mmarkat bhala Dok. CSH. Dan id-dokument hu ricevuta ta' hlas li ghamel meta l-faccata ta' quddiem tal-vann kienet giet hazina u giet mibdula. Jghid li sussegwentement, regghu bidlulu l-faccata u din regghet giet hazina. Din it-tieni ricevuta tilifha, pero ghandu *invoice* tat-tielet darba datata hamsa (5) ta Frar 2005 li giet immarkata bhala Dok CSH 1.

Dwar il-problema tal-bieba, jikkonferma li l-ewwel wahda li waslet kienet mghafga, it-tieni wahda kienet hazina, ghaliex kienet ta' karozza *left hand drive* w ghalhekk

tahilhom lura sabiex jaghtuh ohra. Jghid li spiccaw li ghalqulu t-toqba li kien hemm bil-*hard metal*.

Ikkonferma li kien xtara l-vann ghas-somma ta' LM27,700 u kien juzah ghax-xoghol. Jghid li sal-gurnata meta xehed huwa kien ghadu qed jistenna l-bieba t-tajba, is-*seat* tal-passiggier, kif ukoll bicca apparat tal-pedala tal-gass.

In kontr'ezami nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2008, jichad li kien xtara l-van Toyota b'xi modifiki, salv li kellha bieba zejda u cioe li ma kienitx *standard*. Mistoqsi meta kien ghamel l-ordni ghal *parts*, jghid li ma jiftakarx, pero jghid li zgur qabel il-hamsa (5) ta' Frar 2005, d-data tad-Dok. CSH 1, li hija l-*cash sale invoice* tal-*parts* li kienu waslu. Jikkonferma li l-ordnijiet ghamel aktar minn wahda w ikkonferma wkoll li x-xoghlijiet baqghu ghaddejjin fuq il-van sa Marzu 2005 u dan ghaliex is-socjeta konvenuta kienet baghtet *parts* hziena. Jichad dak li qalu r-rapprezentati tas-socjeta konvenuta, li huwa kien zamm il-*front panel* ghal xaghrejn qabel ma qallhom li ma kienitx tajba. Jghid li l-*panel* it-tajba waslet fil-hamsa (5) ta' Frar 2005, skond id-data tal-*invoice* esebita a fol. 31 tal-atti. Huwa kien imur jara x-xoghol ghaddej fuq il-van kuljum.

Huwa esebixxa tlett ritratti li gew markati bhala Dok. Z, tal-bieba li gabet is-socjeta konvenuta, liema bieba ghandha *hard metal* ghalkemm huwa kien hallas ghall-bieba gdida u li 'n effetti kien ghadu juzha meta xehed. Stqarr li r-rapprezentant tat-Toyota qallu li l-bieba t-tajba kienet waslet, u meta mar ghaliha, sab ghal darb'ohra li kienet hazina. Jghid li kellha t-toqob tal-*moulding* u l-bieba li kellu bzonn hu, ma kellhiex bzonn bieba bil-*moulding*, ghax il-bieba tieghu kienet bla lastiku, w ghalhekk mhiex tajba. Infatt jghid li r-rapprezentant qallu sabiex jaghlaq it-toqob, pero hu ma dehrlux li kellu jaghmel hekk fuq bieba li kellha tkun gdida.

**George Zahra**, il-*panel beater* xehed fl-istess seduta tat-tnejn w ghoxrin (22) ta' Ottubru 2008 fejn ikkonferma li l-attur kellu Toyota Coaster bin-numru ta registrazzjoni HMY-180 u li kienet involuta f'incident awtomobilistiku u kien hadha ghandu sabiex isewwiha. Ikkonferma li kien

hemm bzonn li tinbidel il-faccata tal-van, il-bieba tax-xellug apparti hafna *parts* ohra.

Qal li l-agent kien ta lill-attur, faccata mimlija sadid u huwa rrifjuta li juzha minhabba l-istat li kienet w ghalhekk is-socjeta konvenuta gabet ohra, izda din tal-ahhar ma kienitx tal-istess mudell tal-vettura li kellu l-attur w ghalhekk li din il-faccata ma kienitx taqbel u ma setghax iwahhalha lanqas. Wara hafna zmien kienu gabu t-tielet wahda u din kienet tajba w ghalhekk wahhalha. Jghid li l-istess gara fir-rigward il-bieba, ghaliex l-ewwel wahda li gabu ma kienitx taqbel, kienet mghawga u kellha xi toqba fejn tehel il-*wing mirror* u l-attur ma kellux bzonnha hekk. Sussegwentement l-agent ipprovdilu t-tieni wahda, u regghu gabuha bit-toqba ghal mera w ghalhekk, ukoll ma kienitx tajba. Meta waslet it-tielet wahda din ukoll kellha toqba, ghalkemm kienu ghalquha bil-*hard metal*. Kienu ghamlu xi takkaturi tal-*welding* fuq pjanca w imbaghad kienet giet miksija bil-*hard metal*. Is-socjeta konvenuta kienet ppromettiet li tbiddilha meta tasal it-tajba, pero, peress li setghet titwahhal, huwa wahhalha fuq il-vann sabiex b’hekk l-attur seta’ jinqeda u jibda jghamel uzu mill-vann. Sal gurnata meta xehed ix-xhud, il-bieba t-tajba kienet ghadha ma waslitx.

**Elvio Debattista** xehed fl-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Mejju 2007 u dan fil-kapacita tieghu ta’ *parts manager* mas-socjeta konvenuta, fejn ikkonferma dak li qal l-attur, u cioe meta il-vann wasal hawn Malta, l-faccata tieghu ma kienetx tajba. Jghid li veru l-*front panel* kienet giet mibdula. Jghid li meta giet mibdula, huma kellhom *in stock front panel* ohra, ghalkemm kellha xi *corrosion*. Il-klijent kien talbu sabiex ibiddlu l-*front panel* u huwa kien offrilu dik bil-*corrosion* w offrielu sabiex jirrangalu l-prezz, izda l-attur ma riedx.

Qal li l-vann kellu daqqa kbira u li ghalhekk kien hemm bzonn reparazzjonijiet kbar. Qal li l-attur kien diga ordna xi *parts*, pero kien fadallu bzonn jordna ohrajn. Dwar il-bieba, jghid ukoll li huwa minnu li kienu gabulu mudell iehor u cioe ta’ vettura *left hand drive*, izda il-*panel beater*

offra li jirrangahielu, izda l-attur m'accettax il-proposta. Jghid li dakinhar uhud mill-*parts* kienu waslu u ohrajn le.

Jghid li l-bieba t-tajba waslet meta l-vann kien ghadu mhux lest mit-tiswijiet li kellu bzonn, ghalkemm kien kwazi lest. Ikkonferma li bejn Ottubru 2004 u Frar 2005 kien ghad hemm diversi *parts* neqsin u li l-attur kien ghad kellu bzonn. Ikkonferma wkoll li l-attur kellu jikri van biex izomm il-kuntratt li kellu bl-uzu tal-vann.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Gunju 2007 l-avukat tal-attur esebixxa r-rapport redatt minn Joseph Zammit u dan gie mmarkat bhala Dok S. Minn ezami ta' dan ir-rapport li ma giex kontestat, jirrizulta s-segwenti:-

Meta ezamina l-van in kwistjoni u cioe nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar 2005, sab li diga kien sar xoghol estensiv fuqu, fost ix-xoghol li kien sar kien hemm it-tibdil tax-*chassis*, xoghol ta' *panel beating* fuq diversi partijiet tal-*body,* tant li x-xoghol kien jinsab fi stat avvanzat, minbarra ghal dik li hija il-*front panel,* peress li dik li kellu l-*panel beater* ma kienitx dik tal-van in desamina. Stqarr li ghalkemm il-*panel beater* kellu *panel* gdid f'idejh, dan ma setghax jehel, ghax kien ta' mudell differenti u konsegwentement kellu *fittings* ohra. Qal li wara li titwahhal din il-*front panel,* una volta tasal, ikun ghad jonqos li isir ix-xoghol ta' *spray*.
Illi huwa xehed ukoll permezz t'affidavit li jinsab esebit fl-atti a fol 50 tal-process w ikkonferma dak kollu li qal Manuel Attard fl-affidavit tieghu rapportat aktar 'l quddiem.

**Victor Darmanin** xehed nhar il-hdax (11) t'Ottubru 2007 u stqarr li huwa kien kera *mini bus* Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HMY 261lil Raymond Scerri u dana minn Awissu 2004 sa Marzu 2005 versu l-prezz ta' hamsa u erbghin lira (LM45) kuljum. Huwa esebixxa *statement* li jindika din il-kirja, liema *statement* gie mmarkat bhala Dok. S. Ikkonfrrma li ghadu ma harigx ir-ricevuta tal-VAT peress li ghadu ma thallasx.

**Manuel Attard,** *counter sales clerk* impjegat mas-socjeta konvenuta xehed permezz t'affidavit li gie prezentat fl-atti

nhar l-ghoxrin (20) ta’ Novembru 2007, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok MA 1. Jghid li huwa jiehu hsieb l-i*stocks* ta’ *spare parts* tal-vetturi Toyota, u fil-fatt jghid li kien hu li ha hsieb diversi ordnijiet ta’ *parts* li kellu bzonn l-attur fuq il-van tieghu wara li kien habat bih.

Jghid li f’xi zmien, f’Ottubru 2004, kien gie mitlub sabiex imur fil-garaxx ta’ certu George Zahra, *panel beater* sabiex jiehu lista ta’ *parts* ghall-van Toyota Coaster, proprjeta tal-attur. Jghid li meta mar hemm, sab il-van diga zarmat minn quddiem, kif ukoll mill-genb, u minnufih induna li l-van kien garrab hsarat estensivi hafna, tant li lanqas baqa’ jingharaf.

Huwa hemmhekk ha in-numru tal-mudell tal-vann kif ukoll ix-*chassis number* taghha w inghata lista twila ta’ *parts* li kien hemm bzonn li jinbidlu. Jghid li fost dawn il-*parts* kien hemm il-*front panel*, kif ukoll il-bieba tax-xellug ta’ quddiem, u *parts* tas-sedil tal-passiggier ta’ quddiem.

Jghid li meta nghata l-lista, la l-attur li kien prezenti u lanqas George Zahra, ma kienu qalulu li l-van kien gie ordnat b’xi modifiki u li ma kienitx il-mudell Coaster normali kif tohrog mill-fabbrika tat-Toyota. Fil-fatt jghid li irrizultalu l-van kien inxtara b’xi modifiki fil-*front panel* u fil-bieba tax-xellug.

Jispjega li l-ewwel ordni li kien ghamel, sar a bazi tax-*chassis number* li kien ha tal-van u dan minghajr ma kien indika li kien hemm xi modifiki fil-mudel. Jikkonferma li din kienet waslet fl-ghaxra (10) ta’ Dicembru 2004 u minnufih kien ikkonsenjha lill-attur. Jghid li huwa gie nfurmat li din il-*part* ma qablitx fis-sitta (6) ta’ Jannar 2005. Din ghalhekk regghet giet ordnata u finalment waslet fil-hamsa (5) ta’ Frar 2005.

Dwar il-bieba tax-xellug, jghid li kien minnu li kien hemm xi problem dwar l-ordni taghha. L-ewwel darba li saret fl-ghoxrin (20) t’Ottubru 2004 giet konsenjata fl-ghaxra (10) ta’ Novembru 2004, izda irrizulta li ghalkemm il-bieba kienet tal-qies u titwahhal sewwa mal-vettura, kien fiha toqba fejn titwahhal *wing mirror* li ma kienitx tezisti fuq il-

bieba originali kif modifikata. Ghalhekk, dakinhar stess infurmaw lil tat-Toyota dwar dan u regghu ordnaw il-bieba mill-gdid. It-tieni bieba waslet fit-tnejn w ghoxrin (22) ta' Novembru 2004 u din giet konsenjata lill-klijent, l-attur.

Illi sussegwentement fid-disgha (9) ta' Jannar 2005, kienu ircevew ilment dwar il-bieba, ghaliex irrizultalu li tat-Toyota kienu baghtu l-istess tip ta' bieba bhal dik konsenjata nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru 2004, bit-toqba tal-*wing mirror* maghluqa bil-*hard metal*. Jispjega li l-attur insista li din terga tinbidel izda nelfratemp huwa zamm il-bieba u beda juzha, kif fil-fatt baqa' jghamel sal-gurnata meta x-xhud xehed il-Qorti.

Jikkonferma li appena rcieva l-ilment, fid-disgha (9) ta' Frar 2005, huwa rega' ordna l-bieba u din finalment waslet fit-tlieta (3) ta' Mejju 2005. Huma nfurmaw lill-attur li l-bieba waslet, izda huwa ma marx jigborha u dan ghaliex baqa' jghamel uzu minn dik li giet konsejata lilu fit-tnejn w ghoxrin (22) ta' Novembru 2004.
Jichad li bejn Ottubru 2004 u l-hamsa (5) ta' Frar 2005 kien il-*front panel* u l-bieba li kienu qed jimpedixxu lil Raymond Scerri milli juza l-van. Dan qalu ghaliex fit-tmienja (8) ta' Marzu 2005, kienu ghadhom qed jircievu ordnijiet ghal *parts* ghall-vettura ta' Scerri u minn dawn l-ordnijiet jidher li kien ghadu qed isir ix-xoghol fuq il-van. Ikkonferma li x-xoghlijiet baqghu ghaddejjin ghal diversi xhur.

Jghid li fil-garaxx ta' Zahra mar kemm il-darba tul iz-zmien li kienu qed isiru r-reparazzjonijiet fuq il-van. In effetti sahansitra anke kien imur jikkonsenja l-*parts*. Jikkonferma li almenu mar xi ghaxar darbiet bejn Ottubru 2004 u Frar 2005.

Ikkonferma li l-van rah bil-*front panel* armat f'postu u cioe wara li kienu kkonsenjawh. Jghid li dakinhar il-gabina tal-van, kienet maqlugha minn max-*chassis* u l-*panel beater* kien qed jirrakkomanda li jinbidlu xi *clips* u *mountings* ohra tal-van qabel ma tigi armata ghall-uzu. Dan kien ghall-habta ta' Frar 2005. L-ahhar ordni li kienet saret kienet fit-tmienja (8) ta' Marzu 2005, kif jirrizulta mid-dokument

minnu esebit w immarkat bhala Dok. MA 1. Qal li pero il-bicca l-kbira tal-*parts* li gew ordnati wara l-hamsa (5) ta' Frar ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-*front panel* jew il-bieba.

**Godwin Pace**, *Assistant Parts Manager* tas-socjeta konvenuta wkoll xehed permezz t'affidavit li jinsab esebit a fol. 48 tal-atti w ikkonferma dak kollu li qal Manuel Attard fl-affidavit tieghu kif rappurtat aktar 'l fuq.

Spjega li l-bieba tal-attur huwa kien ordnaha skond is-*software* tal-kumpanija. Ikkonferma li l-bieba t-tajba waslet bejn April u Mejju 2005, izda dan nonostante, jghid li l-attur qatt ma mar jigborha. Huwa esebixxa kopja tal-*invoice* relattiva li giet immarkata bhala Dok. Z. Huwa esebixxa ukoll zewg *e-mails* li jindikaw li l-bieba hija tajba dawn huma mmarkati bhala Dok. X u Dok. Y, datati disgha (9) ta' Marzu 2005.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 2008.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta konvenuta preliminarjament eccepiet fl-ewwel eccezzjoni taghha, li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt w ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attur, stante li l-kumpanija konvenuta, ma hijiex responsabbli ghad-danni allegati mill-attur, w ghalhekk din il-Qorti ghandha tara jekk verament l-attur sofriex Danni, u fit-tieni lok, jekk is-socjeta konvenuta hiex responsabbli taghhom. Is-socjeta konvenuta tkompli tghid "li l-*ispare parts* li jirreferi ghalihom l-attur, li minhabba fihom il-vettura ma setghetx tintuza, m'humiex *parts* essenzjali ghall-manteniment tal-vettura, izda huma *body parts* tal-vettura li normalment ma jigux mibdula, hlief jekk ikun hemm hsarat kagunati minn xi incident, kif fil-fatt gara fil-konfront tal-vettura tal-attur u dan minhabba imperizja, traskuragni jew nuqqas ta' osservazzjoni ta' regolamenti tat-traffiku minn naha tal-attur stess."

Illi bir-rispett kollu, ma jidhirx li huwa kompitu ta' din il-Qorti li tara 'l ghala kien hemm bzonn li jinbidlu daqstant *parts* u cioe jekk l-incident awtomobilistiku sehhx minhabba l-imperizja tal-attur, ghaliex dak m'huwiex l-mertu ta' din il-kawza, izda huwa kompitu ta' din il-Qorti tara jekk is-socjeta konvenuta kellhiex xi nuqqas fil-provista tal-*parts* lill-attur. Dan ghaliex huwa minnu li l-*parts* in kwistjoni ma kienux *parts* li wiehed ragonevolment jippretendi li l-kumpanija konvenuta zzomm *stock* taghhom peress li l-vettura tal-attur hija vettura *custom made* u l-*parts* in kwistjoni kienu *parts* modifikati, maghmula appozitament ghall-vettura tal-istess attur, izda dan nonostante, il-Qorti xorta ghandha tara jekk is-socjeta konvenuta naqsitx mill-obbligi taghha li tikkonsenja l-*parts* ordnati lilha fi zmien ragonevoli.

Illi l-fatti li taw lok ghal din is-sentenza huma s-segwenti.

a. L-attur kien xtara van Toyota Coaster numru ta' registrazzjoni HMY 180 minghand is-socjeta konvenuta ghal prezz ta' circa LM27,000 u dan bil-ghan li jahdem bih.

b. Gara li huwa kien involut f'incident awtomobilistiku u minhabba f'hekk kien hemm bzonn hafna reparazzjonijiet fih u tibdil ta' *parts*.

c. Illi kif stqarr Godwin Scerri stess huwa kien mar fil-garaxx fejn kien qed jinzamm il-van bid-daqqa sabiex jottjeni minghand il-*panel beater* lista tal-i*spare parts* li kienu rikjesti.

d. Sfortunatament meta dan ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta mar fil-garaxx u ha il-mudell tal-van, ma hax notament li l-van kellu xi *specifications* li ma kienux *standard*.

e. Bhala rizultat, il-*parts* li gew suplliti lill-attur, ma kienux tajba u s-socjeta konvenuta damet zmien twil u konsiderevoli sabiex tissuplixxi lill-attur bil-*parts* t-tajba.

f. Bhala konsegwenza l-*panel beater* ma setghax isewwi l-van fi zmien ragonevoli, kif del resto stqarr Joseph Zammit, liema xhieda ma hiex kontestata.

g. Minhabba dan l-agir tas-socjeta konvenuta, l-attur qed jirriklama d-danni.

Ikkunsidrat ultejorment:

Illi kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-tletin (30) ta’ Mejju 2002

“L-artikolu 1031 tal-Kodici Civili jiddisponi li “*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu”. Kwindi, ghandu jigi ppruvat ukoll li d-danni li sofra l-attur kien rizultat dirett tal-agir tal-konvenut; irid ikun hemm, konnessjoni logika ta’ kawza u effett bejn l-att u d-dannu.”*

Id-domanda pero’ li tinteressa l-Qorti hija din: ghal dan kollu, il-konvenut ikkontribwixxa? Biex persuna tinstab responsabbli ghad-danni, mhux necessarju li l-agir taghha tkun l-unika kawza tad-danni reklamat; anke jekk, b’xi mod, ikkontribwiet bin-negligenza taghha ghall-hsara, ma tistax tahrab mir-responsabbilta’ (ara Kollaz. Vol. **XXXIV.II.581).**

Kull persuna, ovvjament, trid twiegeb ghall-ghemil taghha, u mhux responsabbli ghall-agir negligenti u traskurat ta’ haddiehor. Anke jekk kellu jirrizulta li l-konvenut kien negligenti, “mhux bizzejjed li tigi konstatata l-htija, imma hu mehtieg ukoll li jigi stabbilit li dik il-htija kkagunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b’mod cert.” (Kollaz. **Vol. XLVI.I.477**.

Kwindi, il-mod ta’ kif agixxiet il-kumpanija konvenuta ghandu certa rilevanza, ghalkemm mhux necessarjament jista’ jkun bizzejjed biex twaqqa’ n-ness ta’ kawzalita’ bejn l-agir tal-konvenut u r-rizultat ahhari. (**Kollez. Vol. XL.II.815)**

Jirrizulta mill-atti, li l-attur kien mar jaghmel ordni ghal diversi *parts* qabel id-dsatax (19) t’Ottubru 2008, ghaliex kif jirrizulta mid-Dok. CSH, esebit fl-atti, kienu diga waslu xi *parts*, izda uhud mill-*parts* li kien ordna ma kienux tajba u kellhom jigu mibdula diversi drabi. Dan qed jinghad b’mod partikolari ghal *front panel* u il-bieba ta-xellug.

Illi s-socjeta konvenuta tattribwixxi parti mit-tort lill-attur, ghaliex tghid li l-attur m’informahiex li l-vann tieghu ma kienx *standard*, izda li kellu xi modifiki specjali. Jirrizulta pero mill-atti, u cioe minn dak li qal l-attur, li ma giex

kontestat, li l-van tieghu kellu biss bieba zejda. Is-socjeta konvenuta tghid li l-ordni ma saritx tajba w ghalhekk kien hemm dak id-dizgwid kollu. Illi minn ezami tal-*e-mails* esebiti mis-socjeta konvenuta, jirrizulta l-*model* tal-van tal-attur, kien specifiku ghal Malta w ghalhekk kull meta ghamlet ordni ghal xi *part* ghal din il-van, giet mitluba sabiex tikkwota xi referenza li kien hemm fuq l-*e-mail*. Ta' dan zgur li ma jahtix l-attur, li zgur mhux midhla tas-sistema li titntuza ghall-importazzjoni ta' xi *parts*.

Jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta konvenuta stess, li r-rapprezentant taghha kien mar jara il-van qabel ma ha l-lista ta' l-ordni w ghalhekk, *essendo sales manager* zgur li nduna li l-van ma kienx van komuni, u cioe li kellu xi modifiki. Ma kienx hemm lok li jkun l-attur li jattiralu l-attenzjoni dwar dan.

Illi kif stqarr Joseph Zammit, il-van kellu bzonn hafna *parts* u li isir xoghol ta' reparazzjoni fuqu, izda certu xoghol ma setghax jitkompla, bhal per ezempju l-i*spray*, ghaliex il-bieba ma kienitx ghada waslet. Jghid li sa gimgha wara l-ghoxrin (20) ta' Jannar 2005, zgur li l-van ma setghax jintuza fit-triq tort tas-socjeta konvenuta li bdiet timporta *parts* hziena.

Illi mill-*e-mails* datati disgha (9) ta' Marzu 2005, jirrizulta li kien hemm certu *parts* li kienu ghadhom ma waslux.

Illi skond d-Dok. Z, datat erbgha w ghoxrin (24) t'April 2005, jirrizulta li kien ghad hemm numru ta' *parts* li ghadhom ma gewx konsenjati w ghalhekk, zgur li mid-dsatax (19) t'Ottubru 2004 sal-erbgha w ghoxrin (24) ta' April 2005, l-van ma kienx f'kundizzjoni li jigi misjuq tort tas-socjeta konvenuta.

Illi l-attur xehed u qal li huwa juza dan il-van ghax-xoghol tieghu ta' *driver* u li kien ser jitlef il-kuntratt li kellu jekk ma jipprovdix van w ghalhekk kien kera van kif jirrizulta mid-dokument esebit u mmarkat Dok. S, a fol 41 tal-atti. Illi huwa kera dan il-van bil-prezz ta' LM45 kuljum.

L-avukat difensur tas-socjeta konvenuta jghid li l-attur ma sofra ebda danni, ghaliex in realta ma kienx ghadu hallas tal-kirja.

Il-Qorti bir-rispett kollu ma taqbilx ma din is-sottomissjoni u dan ghaliex is-servizz xorta nghata, anke jekk in realta ma thallasx il-kont pendenti ghal xi raguni ben nota bejn l-attur u l-persuna li krietlu l-vann u ghalhekk zgur li s-socjeta konvenuta m'ghandiex tibbenfika minn dan.

**Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta trid tghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' LM45 kuljum mill-ghoxrin (20) t'Ottubru 2004 sal-erbgha w ghoxrin (24) ta' April 2005, ghalkemm l-attur fl-avviz tieghu qed jillimita d-danni ghall ammont inferjuri.**

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, tilqa t-talba attrici billi tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija responsbbli ghad-danni sofferti mill-attur, tillikwida d-danni fl-ammont mitlub mill-attur stess, stante li dak mitlub huwa inqas minn dak dovut u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur dik is-somma imsemmija fl-avviz ta' erbatat elef disgha mija u hames liri Maltin ekwivalenti ghal hdax il-elf erbgha mija tmienja w ghoxrin (11428) Euro.**

**L-imghaxx u l-ispejjes ta'din il-kawza jithallsu mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------